

fuq l-Internet (e-learning) (elearningeuropa.info) (ĠU 2007, S 87), u li tattribwixxi l-kuntratt lil offerent ieħor u, min-naħa l-oħra, talba għal kumpens għad-danni.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2007 li tiċċad l-offerta ppreżentata minn Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE fil-kuntest tas-sejħa għal offerenti EAC/04/07 dwar il-hosting, immaniġġjar, titjib, promozzjoni u manutenzjoni tal-portal tal-Internet tal-Kummissjoni Ewropea fuq it-tagħlim minn fuq l-Internet (e-learning) (elearningeuropa.info), u li tattribwixxi dan il-kuntratt lil offerent ieħor, hija annullata.
- 2) It-talba għad-danni hija miċħuda.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Diċembru 2011 — Aktieselskabet af 21. november 2001 vs UASI — Parfums Givenchy (only givenchy)

(Kawża T-586/10)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva only givenchy — Trade marks verbali Komunitarji u nazzjonali preċedenti ONLY — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhju — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 23, 24, 35-37, 48, 53)

Suġġett

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Ottubru 2010 (Każ R 1556/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Aktieselskabet af 21. november 2001 u Parfums Givenchy SA.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Aktieselskabet af 21. november 2001 hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2011 —
Preparados Alimenticios del Sur vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-402/11 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Talba għall-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ikel — Deċiżjoni li jiġi rritornat fajl lill-awtoritajiet nazzjonali — Talbiet għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà — Nuqqas ta' urġenza”